Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fis-17 ta’ Novembru 2022[1]

**Kawża C-123/21 P**

**Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell – Dumping – Determinazzjoni tal-valur normali – Metodoloġija tal-“pajjiż analogu” – Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 15 tal-Protokoll ta’ Adeżjoni taċ-Ċina għall-WTO – Setgħa ta’ stħarriġ ġudizzjarju – Nakajima vs Il-Kunsill”

## I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża tikkonċerna appell ippreżentat minn Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd (iktar ’il quddiem l-“appellanti”) fejn din tal-aħħar titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Diċembru 2020, T-541/18 fl-ismijiet Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni[2] (iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”). Permezz ta’ din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti għall-annullament tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/921 (iktar ’il quddiem ir-“Regolament ikkontestat”[3]), li jimponi dazji antidumping fuq l-esportazzjonijiet mill-appellanti ta’ aċidu tartariku miċ-Ċina.

2. Fil-parti tal-appell li hija ta’ interess għal dawn il-konklużjonijiet[4], l-appellanti fil-fatt tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li hija ma setgħetx tistħarreġ il-legalità tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (iktar ’il quddiem ir-“Regolament Bażiku”[5]), fid-dawl tal-Ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-WTO), u iktar speċifikament tal-Artikolu 15 tal-Protokoll ta’ Adeżjoni taċ-Ċina għall-WTO[6] (iktar ’il quddiem il-“Protokoll ta’

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Sentenza tas-16 ta’ Diċembru 2020, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni (T-541/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:605).

[3] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/921 tat-28 ta’ Ġunju 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2018, L 164, p. 14).

[4] Il-Qorti tal-Ġustizzja talbet li l-konklużjonijiet tiegħi jiffokaw biss fuq l-ewwel aggravju.

[5] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni) (ĠU 2016, L 176, p. 21).

[6] L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, Protokoll ta’ Adeżjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-WTO (WT/L/432, 23 ta’ Novembru 2001).

Adeżjoni”). Dan l-appell għaldaqstant iqajjem mistoqsijiet importanti fir-rigward tal-limiti tas-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tad-dritt tal-WTO.

## II. Sfond tat-tilwima

3. Fis-7 ta’ Diċembru 1995, il-Gvern Ċiniż applika għall-adeżjoni mal-Ftehim li jistabbilixxi l-WTO, abbażi tal-Artikolu XII tal-istess ftehim. Fl-istess jum, ġie stabbilit Grupp ta’ Ħidma ta’ Adeżjoni mal-WTO sabiex jintlaħaq ftehim dwar termini ta’ adeżjoni aċċettabbli għaċ-Ċina u għall-Membri kollha tal-WTO. Il-Kummissjoni Ewropea, f’isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ħadet sehem f’dawn in-negozjati.

4. Fl-1 ta’ Diċembru 2001, iċ-Ċina ssieħbet mal-WTO. Bħala parti mill-proċess ta’ adeżjoni tiegħu, dan il-pajjiż qabel ma’ sensiela ta’ impenji, li huma inkorporati fil-Protokoll ta’ Adeżjoni. Fost aspetti oħra, dan il-protokoll jipprevedi sistema għall-kalkolu tal-valur normali fl-investigazzjonijiet antidumping li huwa differenti mir-regoli li jinsabu fil-Ftehim Antidumping tal-WTO (iktar ’il quddiem il-“FAD”).

5. B’mod iktar speċifiku, l-Artikolu 15(a) tal-Protokoll ta’ Adeżjoni fih regoli dwar id-determinazzjoni tal-valur normali fi proċedimenti antidumping li jippermettu lill-awtorità investigattiva ta’ membru tal-WTO li tagħmel użu minn metodoloġija li ma hijiex ibbażata fuq paragun strett mal-prezzijiet u l-ispejjeż domestiċi Ċiniżi. L-użu ta’ din il-metodoloġija huwa importanti fil-prattika, peress li dan ifisser li l-prezzijiet u l-ispejjeż ta’ produttur Ċiniż jistgħu jiġu injorati mill-awtorità investigattiva, u b’hekk ma tingħatax stampa preċiża tal-valur normali attwali tal-prodott ikkonċernat.

6. Madankollu, bis-saħħa tal-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta’ Adeżjoni, parti minn din is-sistema kellha tiskadi 15-il sena wara d-data ta’ adeżjoni taċ-Ċina mal-WTO. Dan il-jum kien il-11 ta’ Diċembru 2016.

7. Fid-19 ta’ April 2017, u għalhekk, kif inhu paċifiku bejn il-partijiet, wara l-iskadenza tal-perijodu ta’ 15-il sena stipulat fil-Protokoll ta’ Adeżjoni[7], il-Kummissjoni ppubblikat notifika ta’ bidu ta’ rieżami ta’ skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina miċ-Ċina[8].

8. F’din in-notifika, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku, il-valur normali jiġi ddeterminat bl-użu tal-metodoloġija msejħa tal-“pajjiż analogu”[9]. L-użu ta’ din il-metodoloġija kien possibbli f’dik l-investigazzjoni minħabba l-klassifikazzjoni statutorja taċ-Ċina, fl-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament Bażiku, flimkien ma’ “kull pajjiż li ma jkollux ekonomija tas-suq u li jkun membru tal-WTO”.

[7] Għandu jiġi nnotat li filwaqt li, waqt is-seduta, il-partijiet kollha qablu li l-investigazzjoni nbdiet wara l-iskadenza tal-perijodu ta’ 15-il sena stipulat fil-Protokoll ta’ Adeżjoni, ma kien hemm ebda linja ċara ta’ argumentazzjoni dwar l-effetti ta’ din l-iskadenza, lanqas fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

[8] Notifika ta’ bidu ta’ rieżami ta’ skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2017, C 122, p. 8).

[9] Notifika ta’ bidu ta’ rieżami ta’ skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, punt 5.2.2.

9. Fil-prattika, l-użu tal-metodoloġija tal-"pajjiż analogu" jippermetti li l-valur normali tal-importazzjonijiet jiġi kkalkolat abbażi tal-prezzijiet f'pajjiż b'ekonomija tas-suq xierqa u mhux abbażi ta' prezzijiet u spejjeż domestiċi fil-pajjiż esportatur, li l-prezzijiet u l-ispejjeż tiegħu jitqiesu li ma ġewx stabbiliti bħala suġġetti għal kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq [10]. Din il-metodoloġija hija meħtieġa taħt l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament Bażiku, sakemm il-produtturi suġġetti għall-investigazzjoni ma jkunux f'pożizzjoni li juru li l-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq jipprevalu fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tagħhom tal-prodott inkwistjoni. Il-metodoloġija tal-"pajjiż analogu" għalhekk hija differenti mill-metodoloġija standard, li tinsab fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament Bażiku, li skontha l-valur normali huwa kkalkolat abbażi tal-prezzijiet u l-ispejjeż domestiċi fil-pajjiż esportatur.

10. Il-Kummissjoni informat lill-appellanti, lill-produtturi esportaturi l-oħra fiċ-Ċina, kif ukoll lill-Gvern Ċiniż bil-bidu ta' dan ir-rieżami tal-iskadenza u bl-intenzjoni tagħha li tirrikorri għall-metodoloġija li tinsab fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku. L-ebda waħda minn dawn il-partijiet ma kkooperat f'dan ir-rieżami.

11. Fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ikkontestat, filwaqt li żammet fis-seħħ id-dazji antidumping [11]. Fir-rigward tal-eżistenza tad-dumping, il-Kummissjoni kkalkolat il-valur normali skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku [12].

## III. Rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

12. B'rikors tat-12 ta' Settembru 2018, l-appellanti ressqet azzjoni għall-annullament tar-Regolament ikkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali. Fost argumenti oħra, l-appellanti, essenzjalment, sostniet li l-valur normali għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku tagħha kellu jiġi kkalkolat abbażi tal-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament Bażiku, peress li l-Artikolu 2(7)(b) tiegħu (u għalhekk l-użu tal-metodoloġija tal-"pajjiż analogu" li tinsab fl-Artikolu 2(7)(a)) ma baqax applikabbli għall-importazzjonijiet miċ-Ċina wara l-iskadenza tal-perijodu ta' 15-il sena li jinsab fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

13. L-argument kien għalhekk li, peress li jmur kontra l-Protokoll ta' Adeżjoni, l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament Bażiku ma setax jiġi applikat għall-importazzjonijiet miċ-Ċina wara l-11 ta' Diċembru 2016. Għalhekk, l-appellanti tallega li l-Kummissjoni ma setgħetx tirrikorri għall-metodoloġija tal-"pajjiż analogu" għaliex "ma kellhiex bażi legali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(7)" fl-investigazzjoni sottostanti.

14. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza appellata. Hija fakkret li "minħabba n-natura u l-għan tagħhom, il-ftehimiet tal-WTO ma humiex, fil-prinċipju, fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom tista' tiġi mistħarrġa l-legalità tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni" [13].

[10] Dwar il-problemi prattiċi tal-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-"pajjiż analogu", ara Zang, M.Q., "The WTO contingent trade instruments against China: what does accession bring?", *International and Comparative Law Quarterly*, Vol. 58, 2009, p. 321 sa 351, p. 326 sa 330.

[11] Regolament ikkontestat, premessa 181.

[12] *Ibid.*, premessa 45.

[13] Sentenza appellata, punt 58.

15. L-appellanti ma tikkontestax din il-konstatazzjoni "fil-prinċipju". Minflok, hija ssostni li s-sitwazzjoni tagħha hija koperta minn dik li tirreferi għaliha bħala l-"ewwel eċċezzjoni" għar-regola msemmija qabel, kif żviluppata fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Nakajima [14].

16. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet l-eżistenza fil-ġurisprudenza ta' żewġ sitwazzjonijiet li fihom l-istħarriġ tal-legalità ta' miżura tal-Unjoni fid-dawl tal-ftehimiet tal-WTO kien meqjus possibbli. L-ewwel hija fejn "l-Unjoni Ewropea kellha l-intenzjoni li timplimenta obbligu partikolari assunt fil-kuntest ta' dawn il-ftehimiet" [15] (kif kien irrikonoxxut li kien il-każ fis-sitwazzjoni li fuqha hija bbażata s-sentenza Nakajima) u t-tieni hija "fejn il-miżura tal-Unjoni inkwistjoni tirreferi espliċitament għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dawn il-ftehimiet" [16] (kif inhu l-każ fiċ-ċirkustanzi li jirriżultaw fis-sentenza Fediol, iċċitata iktar 'il fuq) [17].

17. L-inapplikabbiltà tas-sentenza Fediol ma ġietx ikkontestata mill-appellanti, minħabba l-fatt li l-atti tal-Unjoni inkwistjoni ma jirreferux espressament għad-dritt tal-WTO.

18. Billi bbażat ruħha fuq is-sentenza Rusal Armenal [18], il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Nakajima ma kinitx applikabbli peress li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku huwa r-riżultat tal-intenzjoni tal-leġiżlatur li jintroduċi "sistema speċjali li tistabbilixxi regoli fid-dettall dwar il-kalkolu tal-valur normali fir-rigward ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq, inkluża r-Repubblika Popolari taċ-Ċina" [19].

19. Sussidjarjament, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti qajmet it-tieni argument, li skontu, f'każ li Nakajima ma tapplikax, l-appellanti għandha tkun tista' tibbenefika mit-"tielet eċċezzjoni" [20]. L-appellanti sostniet li għandha tkun tista' "tibbaża ruħha direttament fuq id-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali, [...] meta l-ftehim internazzjonali inkwistjoni jippermetti deroga mir-regola ġenerali u d-dritt tal-Unjoni jagħmel użu minn din is-setgħa, bħal fil-każ preżenti" [21]. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet din l-argumentazzjoni, l-ewwel, peress li ma sabitx li kienet differenti mis-sitwazzjoni preżenti f'Nakajima, u, it-tieni, għaliex ma kkunsidratx li kien xieraq li tirrikonoxxi l-eżistenza ta' tali sitwazzjoni "ġdida" [22].

20. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellanti ma setgħetx tinvoka l-Protokoll ta' Adeżjoni biex toġġezzjona għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku [23]. Abbażi ta' dan, *inter alia*, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti.

14 Sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186, punti 29 sa 32; iktar 'il quddiem "Nakajima"), għalkemm wieħed jista' jargumenta li l-fehim attwali ta' Nakajima huwa bbażat fuq id-dikjarazzjoni mill-ġdid ta' din is-sentenza fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367, punt 111).

15 Sentenza appellata, punt 60.

16 *Ibid.*

17 Sentenza tat-22 ta' Ġunju 1989, Fediol vs Il-Kummissjoni (70/87, EU:C:1989:254, punti 19 sa 23; iktar 'il quddiem "Fediol") (f'din il-kawża att tal-Unjoni kien jirreferi espliċitament għal regoli tad-dritt internazzjonali bbażati fuq il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (iktar 'il quddiem il-"GATT") għal liema raġuni l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li tista' teżerċita s-setgħa tagħha li tinterpreta dispożizzjonijiet rilevanti tal-GATT).

18 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Il-Kummissjoni vs Rusal Armenal (C-21/14 P, EU:C:2015:494; iktar 'il quddiem "Rusal Armenal").

19 Sentenza appellata, punt 65.

20 L-appellanti rreferiet għas-sitwazzjoni kif kienet teżisti f'Nakajima bħala l-ewwel eċċezzjoni u għas-sitwazzjoni kif kienet teżisti f'Fediol bħala t-tieni eċċezzjoni. Dwar l-użu ħażin tal-kelma "eċċezzjoni" fir-rigward ta' Nakajima u Fediol, ara l-punt 46 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

21 Sentenza appellata, punt 74.

22 *Ibid.*

23 Sentenza appellata, punt 67.

## IV. Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Fl-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fis-26 ta' Frar 2021, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata; tilqa' t-talbiet tagħha mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali u tannulla r-Regolament ikkontestat sa fejn jirrigwarda lill-appellanti; u tordna lill-Kummissjoni u lil Distillerie Bonollo SpA; Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA; u Caviro Distillerie Srl (iktar 'il quddiem l-"intervenjenti") iħallsu l-ispejjeż tal-appellanti ta' dan l-appell kif ukoll dawk tal-Kawża T-541/18.

22. L-ewwel aggravju huwa dirett prinċipalment kontra tliet punti tas-sentenza appellata. Dawn huma, rispettivament, il-punt 64 (li jiċħad l-applikabbiltà tas-sentenza Nakajima għas-sitwazzjoni preżenti); il-punt 65 (li japplika Rusal Armenal biex jikkonkludi li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku jikkostitwixxi approċċ tad-dritt tal-Unjoni indipendenti għall-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq, inkluża ċ-Ċina); u l-punt 74 (li jiċħad l-argumenti tal-appellanti dwar il-preżenza tat-"tielet eċċezzjoni").

23. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, issostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti tbati l-ispejjeż.

24. Fis-seduta tat-8 ta' Settembru 2022, l-appellanti, l-intervenjenti, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet.

## V. L-argumenti tal-partijiet

25. L-argument prinċipali tal-appellanti huwa li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku jikkostitwixxi intenzjoni li jiġu implimentati, fid-dritt tal-Unjoni, fis-sens ta' Nakajima, il-konsegwenzi tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

26. Sabiex issostni dan l-argument, l-appellanti tibbaża ruħha prinċipalment fuq il-punti 54 u 55 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta tal-Kummissjoni tal-2001 għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Adeżjoni taċ-Ċina mal-WTO (iktar 'il quddiem il-"Proposta tal-2001")[24]. Dawn iż-żewġ punti jikkonċernaw il-metodoloġija għall-kalkolu tal-valur normali għall-importazzjonijiet miċ-Ċina, bl-aħħar punt jispjega li l-"proċeduri speċifiċi biex jiġu ttrattati każijiet ta' allegat dumping minn produtturi Ċiniżi, li possibbilment ikunu għadhom ma humiex qegħdin joperaw f'kundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq, ser jibqgħu disponibbli sa 15-il sena wara li ċ-Ċina tidħol fil-WTO" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

27. L-appellanti tqis li din l-ispjegazzjoni tikkostitwixxi espressjoni tal-intenzjoni ċara tal-leġiżlatur tal-Unjoni, fis-sens tas-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq, li jillimita l-użu tal-metodoloġija tal-"pajjiż analogu" li tinsab fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku fir-rigward taċ-Ċina għal perijodu ta' 15-il sena biss. Għal din ir-raġuni, skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li ma setgħetx tistħarreġ il-legalità tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku fid-dawl tal-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni minħabba n-nuqqas ta' intenzjoni ta' implimentazzjoni.

[24] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Konferenza Ministerjali stabbilita mill-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (COM (2001) 517 final). Din il-proposta ġiet adottata minn deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Komunità, fi ħdan il-Konferenza Ministerjali stabbilita mill-ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tat-territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (Taipei Ċiniż) mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (Bull. 10-2001, punt 1.6.26).

28. L-appellanti ssostni wkoll li Rusal Armenal ma tapplikax għas-sitwazzjoni tagħha. Skontha, din is-sentenza kienet tikkonċerna biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku għas-sitwazzjoni speċifika tal-Armenja. B'hekk, il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Rusal Armenal, li "l-Artikolu 2(7) tar-regolament bażiku jikkostitwixxi l-espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, f'dan il-qasam, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni"[25], tirrigwarda biss is-sitwazzjoni ta' pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq li ma humiex membri tal-WTO. Għalhekk, fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta estendiet din is-sentenza għas-sitwazzjoni tal-importazzjonijiet miċ-Ċina wara l-iskadenza tal-Protokoll ta' Adeżjoni Ċiniż.

29. Bħala argument sussidjarju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tirrikonoxxi l-preżenza ta' ċirkustanzi li jippermettu r-rikonoxximent tat-"tielet eċċezzjoni", distinta minn dawk inkwistjoni fis-sentenzi Nakajima u Fediol. Fis-seduta, hija elaborat fuq din il-pożizzjoni. Hija spjegat li ċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti huma differenti mis-sitwazzjoni f'Nakajima, peress li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku ġie introdott qabel l-adeżjoni taċ-Ċina mal-WTO. Għalhekk, il-lingwaġġ speċifiku fil-punti 54 u 55 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta tal-2001 għandu jinftiehem li jfisser li l-użu tal-"metodoloġija tal-pajjiż analogu" ma jkunx iktar possibbli 15-il sena wara d-data tal-adeżjoni taċ-Ċina mal-WTO.

30. Il-Kummissjoni u l-intervenjenti, sostnuti fil-fażi orali tal-proċedura mill-Parlament u mill-Kunsill, jikkontestaw dan ir-raġunament. Essenzjalment, huma jinnotaw li din il-kawża ma taqax fiċ-ċirkustanzi evokati fis-sentenza Nakajima. Huma jsostnu li l-ispjegazzjonijiet fil-Proposta tal-2001 huma irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, kif ġie rrikonoxxut fis-sentenza Rusal Armenal. Fil-fehma tagħhom, l-uniċi sorsi rilevanti biex tiġi stabbilita l-intenzjoni li jiġi implimentat, min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni, obbligu partikolari li jaqa' taħt il-ftehimiet tal-WTO, huma l-premessi jew dokumenti oħra relatati mal-proċess ta' adozzjoni jew emenda tar-Regolament Bażiku innifsu.

31. Kif spjega l-Kunsill waqt is-seduta, din l-istituzzjoni hija essenzjalment kapaċi "tilbes żewġ kpiepel differenti"; wieħed, meta taġixxi bħala parti mil-leġiżlatura tal-Unjoni, u l-ieħor, meta tipparteċipa fin-negozjati fil-livell internazzjonali. Għalhekk, dikjarazzjonijiet adottati matul negozjati internazzjonali ma jistgħux jintużaw biex jispjegaw l-intenzjoni leġiżlattiva wara atti adottati fuq dik il-bażi, aħseb u ara dawk adottati jew emendati li ma għandhomx x'jaqsmu ma' dak l-istrument legali internazzjonali.

32. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament u mill-Kunsill waqt is-seduta, ħadet il-pożizzjoni li l-applikazzjoni tas-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq, teħtieġ intenzjoni ċara u espressa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimplimenta obbligu partikolari assunt taħt il-ftehimiet tal-WTO. Huwa biss f'sitwazzjoni bħal din li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun qiegħed jindika l-intenzjoni tiegħu li jissottometti ruħu għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, peress li tali intenzjoni ma hijiex preżenti fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, din id-dispożizzjoni ma hijiex espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimplimenta l-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni. Huma jsostnu li r-riżultat huwa li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti biex tistħarreġ att tal-istituzzjonijiet fid-dawl ta' dan il-protokoll.

[25] Rusal Armenal, punt 48.

## VI. Evalwazzjoni

### A. *Rimarki preliminari*

33. Ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni hija parti, bħall-ftehimiet tal-WTO, jifformaw parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u jorbtu lill-istituzzjonijiet tagħha. Bħala parti minn dan l-ordinament ġuridiku, dawn il-ftehimiet internazzjonali igawdu s-supremazija fuq id-dritt sekondarju tal-Unjoni. Dan jirriżulta mill-Artikolu 216(2) TFUE u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[26].

34. Għalhekk, il-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti fihom mhux biss jorbtu lill-istituzzjonijiet tagħha bħala kwistjoni ta' dritt internazzjonali u l-prinċipju tiegħu ta' *pacta sunt servanda*, iżda wkoll bħala kwistjoni tad-dritt kostituzzjonali tal-Unjoni. Is-saħħa vinkolanti tagħhom fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni hija l-għażla kostituzzjonali tal-Unjoni[27].

35. It-tieni għażla kostituzzjonali rilevanti tikkonċerna s-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa d-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li "tgħid x'inhu d-dritt"[28] u li tiżgura li l-istituzzjonijiet jimxu mad-dritt. It-Trattati taw lill-Qorti tal-Ġustizzja s-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' atti tal-istituzzjonijiet saħansitra fl-ewwel jiem tal-proġett Ewropew[29]. Illum, din is-setgħa hija eżerċitata jew direttament, permezz ta' rikorsi għal annullament (Artikolu 263 TFUE) jew indirettament, permezz tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari (Artikolu 267 TFUE) u tal-eċċezzjoni ta' illegalità (Artikolu 277 TFUE). Huwa importanti li jiġi indikat li, sa mis-sentenza Foto-Frost[30], huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (mifhuma kemm bħala l-Qorti Ġenerali kif ukoll bħala l-Qorti tal-Ġustizzja) għandha, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, is-setgħa esklużiva li tistħarreġ il-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni[31].

36. Jekk dawn iż-żewġ karatteristiċi tal-ordni kostituzzjonali tal-Unjoni jinġabru flimkien, dawn jirriżultaw fis-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż fl-għażliet leġiżlattivi tagħhom, jirrispettawx l-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehimiet tal-WTO, li jifformaw parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u b'hekk jorbtuhom.

[26] Sa mill-1974, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ftehimiet internazzjonali adottati mill-Unjoni jifformaw parti mill-ordinament ġuridiku tagħha; ara s-sentenza tat-30 ta' April 1974, Haegeman (181/73, EU:C:1974:41, punti 4 u 5) (li qieset li ftehim ta' assoċjazzjoni li sar mill-Komunità (dak iż-żmien) mal-Greċja "huwa għalhekk, sa fejn jikkonċerna lill-Komunità, att ta' waħda mill-istituzzjonijiet […] [u li] d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim […] jifformaw parti integrali mid-dritt Komunitarju"). Iktar tard, il-Qorti kkonfermat ukoll is-saħħa vinkolanti tagħhom fuq l-istituzzjonijiet u s-supremazija tagħhom fuq id-dritt sekondarju tal-Unjoni. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, Intertanko *et* (C-308/06, EU:C:2008:312, punt 42) (relatata man-natura vinkolanti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Bastimenti, iffirmata f'Londra fit-2 ta' Novembru 1973, kif issupplimentata bil-Protokoll tas-17 ta' Frar 1978).

[27] Hija din l-għażla kostituzzjonali li hija inkwistjoni f'din il-kawża. Għal din ir-raġuni, l-argumenti mqajma minn uħud mill-istituzzjonijiet waqt is-seduta, bħal li l-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO biss għandu ġurisdizzjoni u jista' jiddeċiedi jekk l-atti tal-Unjoni humiex konformi mad-dritt tal-WTO jew le, huma irrilevanti għall-finijiet tal-kawża preżenti. F'dan l-appell, aħna kkonċernati biss bil-kwistjoni tas-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, fi ħdan l-ordni kostituzzjonali tal-Unjoni, li tistabbilixxi tali diskrepanzi.

[28] Biex nissellef il-lingwaġġ użat mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti fis-sentenza Marbury vs Madison (5 U.S. (1 Cranch) 137) (1803), 177.

[29] Ara l-Artikolu 34 KEFA

[30] Ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost (314/85, EU:C:1987:452, punt 17).

[31] Hawnhekk għandi nfakkar il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-377/98, EU:C:2001:329, punt 147), fejn l-Avukat Ġenerali spjega b'mod ċar li "b'mod iktar ġenerali, jista' jitqies li huwa fi kwalunkwe każ mixtieq bħala kwistjoni ta' politika li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżamina l-legalità tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fid-dawl tat-Trattati li jorbtu lill-Komunità. Ma hemm l-ebda qorti oħra li hija f'pożizzjoni li tirrevedi l-leġiżlazzjoni Komunitarja; għalhekk jekk din il-Qorti tiġi miċħuda kompetenza, l-Istati Membri jistgħu jkunu suġġetti għal obbligi kunfliġġenti mingħajr ma jkollhom ebda mod biex isolvuhom".

37. Madankollu, minħabba r-realtà politika tas-sistema tal-kummerċ internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja, sa minn kmieni[32], qagħdet lura milli teżerċita s-setgħat tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tal-istħarriġ tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mal-GATT[33], u, sussegwentement, mal-ftehimiet tal-WTO[34].

38. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà spjegat ir-raġunijiet għal dan it-trażżin ġudizzjarju fis-sentenza International Fruit Company[35]. L-ewwel ħadet nota tan-natura speċifika u tal-istruttura tal-GATT, li hija "bbażata fuq il-prinċipju ta' negozjati mwettqa fuq 'bażi ta' reċiproċità u ta' vantaġġi reċiproki'", u li hija "kkaratterizzata minn flessibbiltà tad-dispożizzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari dawk li jagħtu l-possibbiltà ta' deroga, il-miżuri li għandhom jittieħdu meta jiġu kkonfrontati b'diffikultajiet eċċezzjonali u s-soluzzjoni ta' kunflitti bejn il-partijiet kontraenti"[36].

39. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet telabora dwar in-natura flessibbli tal-GATT fis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill[37], u iktar tard estendiet l-istess raġunament għall-ftehimiet tal-WTO fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill[38]. F'din il-kawża tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, minkejja t-tisħiħ tas-sistema ta' riżoluzzjoni tat-tilwim taħt il-ftehimiet tal-WTO meta mqabbla ma' dik disponibbli taħt il-GATT, il-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim tagħha[39] madankollu ta importanza kunsiderevoli lin-negozjati bejn il-partijiet. Għalhekk, minkejja li d-DSU juri "preferenza" għall-implimentazzjoni sħiħa ta' rakkomandazzjoni biex miżura tinġieb f'konformità mad-dritt tal-WTO, madankollu dan jippermetti soluzzjonijiet innegozjati differenti bbażati fuq kumpens aċċettabbli reċiprokament[40].

40. Fid-dawl ta' din l-istruttura tas-sistema tal-WTO, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-korpi leġiżlattivi tal-Unjoni jkunu mċaħħda mill-possibbiltà li jidħlu f'tali arranġamenti nnegozjati, jew milli joffru kumpens reċiprokament aċċettabbli minflok iġibu d-dritt tal-Unjoni konformi mad-dritt tal-WTO, kieku l-qrati setgħu jimponu fuqhom l-obbligu li joqogħdu lura milli japplikaw regoli tal-Unjoni li huma inkonsistenti mal-ftehimiet tal-WTO[41].

41. Kien għalhekk meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tastjeni milli teżerċita s-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju sabiex ma tipprekludix lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli jagħmel użu mid-diskrezzjoni mħollija lilu mill-ftehimiet tal-WTO. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispettat il-bilanċ istituzzjonali kif jirriżulta mis-sistema tal-WTO. Fil-fehma tagħha, il-ftehimiet tal-WTO jħallu f'idejn l-istituzzjonijiet politiċi d-deċiżjonijiet dwar kif jimplimentaw obbligu partikolari assunt taħthom, jew saħansitra biex ma jimplimentawx xi wħud mill-obbligi tal-WTO.

[32] Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 1972, International Fruit Company *et* (21/72 sa 24/72, EU:C:1972:115), wara li kkonfermat li l-GATT jorbot lill-istituzzjonijiet (punt 18), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li n-natura tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim huma tali li ma jistgħux jagħtu drittijiet lill-individwi (punt 27). Minħabba n-nuqqas ta' effett dirett ta' dawn id-dispożizzjonijiet, individwi għalhekk ma setgħux jistrieħu fuq il-GATT f'qorti nazzjonali sabiex jikkontestaw il-validità tad-dritt tal-Unjoni.

[33] Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367, punt 109), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet mhux biss li l-individwi ma jistgħux jinvokaw direttament il-GATT (peress li dan il-ftehim, fil-prinċipju, ma għandux effett dirett), iżda wkoll li l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw dan il-ftehim fir-rikorsi ppreżentati taħt l-Artikolu 260 TFUE. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset lilha nnifisha prekluża milli tieħu inkunsiderazzjoni l-GATT meta tevalwa l-legalità ta' regolament tal-Unjoni.

[34] Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru 1999, Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:574, punt 47), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-istabbiliment tal-WTO ma biddel xejn fir-rigward tal-konstatazzjoni tagħha li, fil-prinċipju, ma tistax tevalwa d-dritt tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt tal-GATT, u, b'mod iktar ġenerali, tal-WTO.

[35] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 1972, International Fruit Company *et* (21/72 sa 24/72, EU:C:1972:115).

[36] *Ibid.*, punt 21.

[37] Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367, punti 106 sa 109).

[38] Sentenza tat-23 ta' Novembru 1999, Il-Portugal vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:574).

[39] Dan il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq l-Impenn għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni tat-Tilwim (iktar 'il quddiem id-"DSU").

[40] *Ibid.*, punti 36 sa 39.

[41] Ara, dan l-effett, *ibid.*, punt 40.

42. Il-ħtieġa għat-trażżin ġudizzjarju kienet appoġġjata wkoll mill-fatt li s-sħab kummerċjali l-iktar importanti tal-Unjoni Ewropea ma ssottomettewx il-korpi leġiżlattivi u eżekuttivi tagħhom għal skrutinju ġudizzjarju fi ħdan il-WTO [42].

43. Dawn iż-żewġ raġunijiet – il-flessibbiltà inkorporata fis-sistema tal-WTO nnifisha u r-realtà politika li s-sħab kummerċjali tal-Unjoni ma jrażżnux ġudizzjarjament lill-istituzzjonijiet tagħhom milli jużaw din il-flessibbiltà – imbagħad wasslu għall-konklużjoni li "l-ftehimiet tal-WTO ma humiex fil-prinċipju fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-legalità tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet [tal-Unjoni]" [43].

44. Irrid niċċara l-konsegwenzi li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza. Il-marġni ta' diskrezzjoni li jirriżulta għall-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni, li jinkludi l-possibbiltà li jagħżlu ċertu interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-WTO kif ukoll, wara li jiġu evalwati l-konsegwenzi rilevanti, li jiddeċiedu, jekk meħtieġ, li jitbiegħdu mill-obbligi tal-Unjoni taħt il-ftehimiet tal-WTO [44], ma għandux jiġi interpretat ħażin bħala deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li twarrab kompletament il-prerogattiva tagħha li tiżgura li l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jiġu rrispettati.

45. Li jsir hekk ma huwiex kostituzzjonalment possibbli; dan iħarbat il-bilanċ interistituzzjonali bejn il-ġudikatura tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet politiċi tagħha [45].

46. Dan iwassalni għall-fehma mid-dehra żbaljata espressa mill-Kummissjoni waqt is-seduta, u li fiha dehret li kienet sostnuta mill-Parlament u mill-Kunsill. Kuntrarjament għall-pożizzjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet, is-sitwazzjonijiet preżenti fis-sentenza Nakajima u Fediol, li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li twettaq stħarriġ tal-validità ta' atti tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt tal-WTO, ma humiex "eċċezzjonijiet" għal xi nuqqas ta' setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju f'dak il-qasam [46]. Is-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn il-kawżi ma tirriżultax mid-deċiżjoni leġiżlattiva ta' benefiċenza tal-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni li jirritornaw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-awtorità li tistħarreġ l-atti tagħhom kontra d-dritt tal-WTO. Kif spjegajt, fi ħdan in-"normalità" kostituzzjonali tal-Unjoni, dan ma jistax jiġi aċċettat, peress li s-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju mogħti lill-Qorti tal-Ġustizzja tirriżulta direttament mit-Trattati.

[42] *Ibid.*, punt 43.

[43] *Ibid.*, punt 47. Minħabba din l-istess flessibbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li ma kienx xieraq li tippermetti stħarriġ tal-validità tal-atti sekondarji tal-istituzzjonijiet kontra rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO li kkonstata li r-regoli tal-WTO ġew miksura. Ara s-sentenzi tal-1 ta' Marzu 2005, Van Parys (C-377/02, EU:C:2005:121, punti 41 sa 48); tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 127 sa 133); u tat-18 ta' Ottubru 2018, Rotho Blaas (C-207/17, EU:C:2018:840, punt 52).

[44] Sitwazzjoni, li, nosserva, ma hijiex waħda ġdida għall-Unjoni Ewropea fil-livell tal-GATT/WTO. Mill-1997 sal-2012, l-Unjoni sabet ruħha f'sitwazzjoni ta' ksur espliċitu tal-obbligi tagħha tal-WTO fir-rigward tas-sistema tagħha relatata mal-importazzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-banana. Jiġifieri, minkejja diversi implimentazzjonijiet mhux sodisfaċenti ta' rapporti ta' bordijiet u ta' konformità, kif ukoll konċessjonijiet sospiżi minn diversi Membri tal-WTO. Huwa biss wara li nstabet soluzzjoni miftiehma reċiprokament li dik il-kwistjoni mbagħad ġiet (parzjalment) solvuta. Ara WTO, Notifika ta' Soluzzjoni Miftiehma Reċiprokament (WT/DS27, WT/DS361, WT/DS364, WT/DS16, WT/DS105, WT/DS158, WT/L/616 u WT/L/625, 8 ta' Novembru 2012). Bl-istess mod, ta' min infakkar fit-tilwima kummerċjali akrimonja li ilha għaddejja bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tipprojbixxi laħam ittrattat bl-ormoni, li tibda mill-1981 (bid-Direttiva 81/602/KEE (ĠU L 222, 7.8.1981, p. 32)). Kien biss fl-2019 li l-Unjoni Ewropea laħqet ftehim mal-Istati Uniti dwar iċ-ċanga ttrattata bl-ormoni, u b'hekk solviet (temporanjament) it-tilwima. Ara l-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja Msemmija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga Minn Annimali Li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea (2014) (ĠU 2019, L 316, p. 3).

[45] Ir-rekwiżit ta' dan il-bilanċ huwa rifless fl-Artikolu 13(2) TUE.

[46] Biex ikun ċar, mhux biss l-istituzzjonijiet, iżda wkoll l-appellanti u l-intervenjenti rreferew għas-sitwazzjonijiet imqajma fis-sentenza Nakajima u Fediol bħala "eċċezzjonijiet".

Anzi, dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet huma każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kinitx ser tippreġudika s-setgħa diskrezzjonali meħtieġa fil-livell tal-WTO kieku kellha twettaq stħarriġ tal-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni.

47. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja joħolqu korp ta' ġurisprudenza u r-regoli spjegati fis-sentenza oriġinali mbagħad jerġgħu jiġu applikati f'sentenzi sussegwenti f'sitwazzjonijiet simili iżda mhux identiċi. L-effett sekondarju sfortunat ta' dan il-proċess huwa li, maż-żmien, il-ġurisprudenza tinqala' mill-kuntest oriġinali tagħha u, iktar importanti minn hekk, mill-ġustifikazzjoni sottostanti. Dan it-tip ta' distakkament, għalkemm rari, huwa karatteristika inerenti f'sistema legali bbażata fuq l-preċedent [47].

48. Għalhekk, kultant ikun meħtieġ li jiġu eżaminati mill-ġdid il-kawżi li ħafna drabi nistrieħu fuqhom. Fid-dawl ta' dan, meta naqra s-sentenza Nakajima mill-ġdid, insib diffikultà biex nidentifika xi raġunament li jindika li l-Qorti tal-Ġustizzja riedet tintroduċi "eċċezzjoni" għal setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju li altrimenti kienet ineżistenti. Inkwistjoni f'dik il-kawża kien hemm dazji antidumping fuq ċerti printers mill-Ġappun, li l-produttur esportatur inkwistjoni ried jikkontesta billi jibbaża ruħu direttament fuq il-Kodiċi Antidumping tal-GATT. Il-Kunsill ikkontesta s-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistħarreġ il-validità tar-Regolament Bażiku (kif kien dak iż-żmien) minħabba li dan kien possibbilment jikser dan il-kodiċi. Huwa sostna li dan isegwi mill-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiċħad l-effett dirett tal-GATT [48]. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel ittrattat l-argument marbut mal-effett dirett. Hija spjegat li r-rikorrenti, Nakajima, ma kinitx qiegħda tinvoka l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Antidumping, iżda li din il-parti kienet, fil-fatt, qiegħda tikkontesta, b'mod inċidentali, permezz tal-eċċezzjoni ta' illegalità, l-applikabbilità tar-Regolament Bażiku (dak iż-żmien) ġdid [49]. B'hekk, il-kwistjoni tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tal-WTO tista' u għandha tiġi ddistakkata mill-kwistjoni tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [50].

49. Ta' min jinnota li s-sitwazzjoni li tat lok għas-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq, hija simili għal dik fil-kawża preżenti. Abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-appellanti tikkontesta direttament ir-Regolament ikkontestat. Fl-istess ħin, bħala argument anċillari, hija ssostni li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku ma huwiex applikabbli fir-rigward ta' importazzjonijiet miċ-Ċina minħabba li ma huwiex konformi mal-Protokoll ta' Adeżjoni.

50. Sabiex twarrab it-tieni argument tal-Kunsill dwar l-esklużjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'Nakajima, bbażat ruħha fuq il-partijiet tas-sentenza International Fruit Company, iċċitata iktar 'il fuq, li enfasizzaw l-effett vinkolanti tal-GATT fuq (dak iż-żmien) il-Komunità [51]. Hija mbagħad fittxet ir-raġunijiet possibbli biex toqgħod lura milli twettaq stħarriġ, iżda

[47] Filwaqt li ma hemm ebda sistema formali ta' preċedent, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tissostanzja r-raġunament tagħha b'riferiment għal sentenzi preċedenti, u titbiegħed biss minn sentenzi preċedenti f'ċirkustanzi eċċezzjonali. F'dan ir-rigward, ara Arnull, A., "Owning up to Fallibility: Precedent and the Court", *Common Market Law Review*, Vol. 30(2), 1993, p. 247 sa 266. Tridimas, T., "Precedent and the Court of Justice, A Jurisprudence of Doubt?" f'Dickinson, J., Eleftheriadis, P. (edituri), *Philosophical Foundations of EU Law*, OUP, Oxford, 2012, p. 307 sa 330).

[48] Nakajima, punt 27.

[49] Nakajima, punt 28.

[50] Dan huwa kkorroborat mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, (C-280/93, EU:C:1994:367, punt 109). Wara li evalwat l-effett dirett possibbli tal-GATT, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-"karatteristiċi partikolari [tal-GATT], li abbażi tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li individwu fi ħdan il-Komunità ma jistax jinvokah f'qorti biex jikkontesta l-legalità ta' att Komunitarju, jipprekludu *wkoll* li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet [tal-GATT] biex tevalwa l-legalità ta' regolament" Enfasi miżjuda. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-kawża Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:92, punt 18) (li jiddistingwixxu ċ-ċaħda ta' effett dirett tal-GATT mid-dritt ta' stħarriġ tal-legalità ta' att (dak iż-żmien) Komunitarju).

[51] Nakajima, punt 29, li jirreferi għall-punt 18 tas-sentenza International Fruit Company *et* (21/72 sa 24/72, EU:C:1972:115).

kkonstatat, għall-kuntrarju, li l-premessi tar-Regolament Bażiku (dak iż-żmien) spjegaw li dan "ġie adottat skont l-obbligi internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali u mill-Kodiċi Antidumping"[52]. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-"regolament bażiku [dak iż-żmien] ġdid, li r-rikorrenti kkontestat, ġie adottat sabiex il-Komunità tikkonforma mal-obbligi internazzjonali li, kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk hija obbligata tiżgura l-konformità mal-Ftehim Ġenerali u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu"[53].

51. "F'dawn iċ-ċirkustanzi"[54], ma kien hemm xejn li jżomm lill-Qorti tal-Ġustizzja milli teżerċita s-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju.

52. Fil-ġurisprudenza li segwiet li bbażat ruħha fuq is-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq, il-kliem "f'dawn iċ-ċirkustanzi" inbidel għal "f'żewġ sitwazzjonijiet" jew "f'żewġ sitwazzjonijiet eċċezzjonali"[55].

53. Fil-fehma tiegħi, ikun inaċċettabbli li s-sitwazzjoni inkwistjoni fis-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq, tiġi ttrattata bħala "eċċezzjoni" għal allegata regola ġenerali li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tistħarreġ il-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt tal-WTO[56].

52 Nakajima, punt 30.

53 *Ibid.*, punt 31.

54 *Ibid.*, punt 32.

55 Għalkemm ma huwiex ċar għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja talterna bejn dan il-lingwaġġ. B'mod ġenerali, il-bidliet fil-lingwaġġ huma traċċabbli permezz ta' linja twila ta' ġurisprudenza li fiha ċ-ċirkustanzi ta' Nakajima (u ta' Fediol) ġew deskritti flimkien f'sentenza waħda, u li sussegwentement ġiet riprodotta f'kawżi oħra. B'hekk, fis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, EU:C:1994:367), il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal Nakajima (u Fediol) bil-mod li ġej: wara li ddikjarat li l-applikabbiltà diretta tal-GATT ma tistax tiġi dderivata mill-ispirtu, l-iskema ġenerali jew it-termini tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "fin-nuqqas li tali obbligu jirriżulta mill-GATT innifsu, huwa *biss jekk* il-Komunità kellha l-intenzjoni li timplimenta obbligu partikolari assunt fil-qafas tal-GATT, jew jekk l-att Komunitarju jirreferi espressament għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-GATT, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina l-legalità tal-att Komunitarju inkwistjoni mill-perspettiva tar-regoli tal-GATT [bi kwotazzjoni minn Fediol u Nakajima]" (sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, punt 111; enfasi miżjuda). Fis-sentenza Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:92, punti 47 u 49), l-istess kwotazzjoni segwiet id-dikjarazzjoni li l-ftehimiet tal-WTO ma humiex "fil-prinċipju" fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistħarreġ il-legalità tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità (kif kienet dak iż-żmien). Fis-sentenza Rusal Armenal, il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel darba rreferiet għaż-żewġ kawżi bħala "żewġ sitwazzjonijiet *eċċezzjonali*" (Rusal Armenal, punt 40; enfasi miżjuda). Imbagħad żiedet li "biex *eċċezzjoni* bħal din tkun permessa f'każ speċifiku, għandu jiġi stabbilit ukoll, sal-livell ġuridiku meħtieġ, li l-leġiżlatur wera l-intenzjoni li jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-ftehimiet tal-WTO" (sentenza Rusal Armenal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45; enfasi miżjuda). Sussegwentement, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li bdiet talterna bejn "f'żewġ sitwazzjonijiet" (ara, pereżempju, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 87) (li żżid "b'mod eċċezzjonali" wara r-riferiment indirett għal Nakajima u Fediol) u tal-15 ta' Novembru 2018, Baby Dan (C-592/17, EU:C:2018:913, punt 67) (li żżid "bħala eċċezzjoni" iktar 'il quddiem fl-istess paragrafu) u "f'żewġ sitwazzjonijiet eċċezzjonali" (sentenzi tat-18 ta' Ottubru 2018, Rotho Blaas (C-207/17, EU:C:2018:840, punt 47), tad-9 ta' Lulju 2020, Donex Shipping and Forwarding (C-104/19, EU:C:2020:539, punt 46), u tal-5 ta' Mejju 2022, Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni (C-718/20 P, EU:C:2022:362, punt 85)). Fl-aħħar nett, għandi nirrileva li r-*ratio* tal-"eċċezzjoni" daħal ukoll fil-ġurisprudenza dwar ftehimiet internazzjonali oħra, bħall-Konvenzjoni ta' Aarhus. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 57).

56 Il-kliem użat mill-Qorti tal-Ġustizzja kultant jiġbed f'dik id-direzzjoni. Pereżempju, f'Rusal Armenal, instab li "l-Qorti tal-Ġustizzja, f'ċerti każijiet, irrikonoxxiet li s-sistema ta' antidumping tad-WTO tista' tikkostitwixxi *eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tistħarreġ il-legalità* ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-regoli tal-Ftehim WTO" (sentenza Rusal Armenal, punt 44; enfasi miżjuda).

54. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrevedi l-atti tal-Unjoni hija bbażata fuq it-Trattati, u l-istituzzjonijiet ma jistgħux, permezz ta' att ta' dritt sekondarju, jillimitaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja[57]. Kieku s-setgħa tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddependi fuq il-kunsens minn qabel ta' dawn l-istituzzjonijiet, li din il-qorti stess hija inkarigata li timmonitorja, kieku s-setgħa tal-istħarriġ ġudizzjarju titlef l-iskop tagħha.

55. Barra minn hekk, dan ir-raġunament qisu qiegħed jippreżumi li l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni ma għandhomx l-intenzjoni li jissodisfaw l-obbligi internazzjonali tagħhom sakemm ma jiddikjarawx dan b'mod ċar, pereżempju billi jadottaw miżuri li jiddikjaraw espressament ir-rieda tagħhom li jagħtu effett lill-obbligi internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Dan ma huwiex konformi mal-qafas kostituzzjonali maħluq mill-Artikolu 216(2) TFUE kif ukoll mal-għanijiet ta' politika ddikjarati tar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-bqija tad-dinja, kif jirriżultaw mill-Artikolu 3(5) TUE.

56. Għall-kuntrarju, il-pożizzjoni inizjali għandha dejjem tkun li l-Unjoni Ewropea, bħala prinċipju, riedet tirrispetta l-impenji internazzjonali tagħha, irrispettivament mill-istrument legali ppromulgat mill-istituzzjonijiet tagħha. Billi titlaq minn din is-suppożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' mbagħad tiddeċiedi jekk, minħabba n-natura u l-istruttura tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni kif ukoll minħabba tħassib politiku usa' dwar l-azzjonijiet tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex eċċezzjonalment tirrestrinġi s-setgħat tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju f'każ partikolari.

57. Fid-dawl tar-rikonoxximent tar-realtajiet tas-sistema tal-kummerċ internazzjonali, huwa għalhekk kompletament legalment possibbli – u tabilħaqq xi drabi spedjenti – li l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni jitħallew bil-possibbiltà li jinterpretaw obbligu tal-WTO assunt mill-Unjoni mingħajr stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja, u, fejn meħtieġ, li konxjament jiddeċiedu li jitbiegħdu minn dan l-obbligu. Madankollu, dan il-marġni ta' diskrezzjoni huwa eċċezzjonali u possibbli biss peress li l-ftehim internazzjonali partikolari inkwistjoni jippermetti dan. Inzerta li l-ftehimiet tal-WTO huma ftehimiet internazzjonali bħal dawn.

58. Għalhekk, waqt li kienet qiegħda tikkunsidra l-ftehimiet tal-WTO u n-natura u l-istruttura flessibbli tagħhom, kien possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li toħloq preżunzjoni konfutabbli[58] li hija għandha tirrestrinġi s-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju. Għalhekk, l-użu tal-espressjoni "fil-prinċipju" meta l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma tistħarriġx att tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt tal-WTO. Huwa biss f'dan il-kuntest speċifiku li s-sentenza Nakajima tista' tinqara bħala li toħloq "eċċezzjoni".

59. Tabilħaqq, Nakajima tista' hi stess tingħata interpretazzjoni usa' jew iktar restrittiva. Hija tista' faċilment tiġi limitata, kif sostnew l-istituzzjonijiet waqt is-seduta, għal sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlatur tal-Unjoni bagħat messaġġ ċar li kellu l-intenzjoni li japplika d-dritt tal-WTO. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm l-ebda raġuni biex il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita s-setgħa tagħha ta'

57 F'dan ir-rigward, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-kawża Il-Portugall vs Il-Kunsill (C-149/96, EU:C:1999:92, punt 20) (b'riferiment għall-aħħar premessa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-koklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU 1994, L 336, p. 1) dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni, tal-ftehimiet tal-WTO, li tidher "intiża […] biex tillimita l-effetti tal-ftehim", qabel ma jikkonkludi li, minħabba l-obbligu tat-Trattat tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura li l-ftehimiet li jorbtu lill-Unjoni jiġu osservati, "il-Kunsill ma jistax, b'att ta' leġiżlazzjoni sekondarja, jillimita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas jiddeċiedi li jeskludi l-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali biex japplikaw dawn il-ftehimiet").

58 Ara, f'dan ir-rigward, Ruiz Fabri, H., "Is There a Case – Legally and Politically – for Direct Effect of WTO Obligations?", *European Journal of International Law*, Vol. 25(1), 2014, p. 151 sa 173, p. 152.

stħarriġ ġudizzjarju peress li ma hemm l-ebda "potenzjal ta' imbarazzament minn deċiżjonijiet diversi minn diversi dipartimenti dwar l-istess kwistjoni"[59]. Jiena nargumenta li hemm, fil-fatt, evidenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta din is-sentenza b'tali mod restrittiv[60].

60. Madankollu, Nakajima tista' tinqara wkoll b'mod iktar wiesgħa, b'tali mod li jfisser li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq stħarriġ tad-dritt sekondarju f'kull sitwazzjoni li fiha tkun f'pożizzjoni li tikkonkludi li l-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jitbiegħed mill-obbligi tiegħu tal-WTO. Hemm ukoll evidenza fil-ġurisprudenza li tissuġġerixxi li din hija l-interpretazzjoni xierqa ta' Nakajima[61].

61. Jekk l-applikabbiltà ta' Nakajima tiġi ristretta, għandu, fil-fehma tiegħi, ikun hemm lok għal sitwazzjonijiet addizzjonali li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li tistħarreġ l-atti tal-istituzzjonijiet fid-dawl tal-impenji tal-Unjoni taħt il-ftehimiet tal-WTO. Is-sentenzi Nakajima (u Fediol) jistgħu mbagħad jitqiesu bħala mhux l-"uniċi" sitwazzjonijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li teżerċita s-setgħat ta' stħarriġ tagħha fid-dawl tad-dritt tal-WTO.

62. Sitwazzjoni li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li Nakajima, kemm jekk interpretata b'mod wiesa' kif ukoll ristrett, ma kinitx tapplika kienet is-sitwazzjoni inkwistjoni f'Rusal Armenal. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku jirrappreżenta approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (tal-inqas fir-rigward tal-kwistjoni dwar kif għandhom jiġu ttrattati pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq fir-rigward, fost elementi oħra, tal-kalkolu tal-valur normali għall-finijiet ta' investigazzjonijiet antidumping)[62].

63. Filwaqt li Nakajima tista' tinqara bħala sitwazzjoni li fiha jista' faċilment jiġi konkluż li l-Unjoni kellha l-intenzjoni li tirrispetta r-regoli tal-WTO, Rusal Armenal għandha mbagħad tinqara bħala sitwazzjoni fejn l-Unjoni setgħet riedet, iżda wkoll setgħet *ma riditx*, tibqa' tosserva l-impenji tagħha tal-WTO. Is-sitwazzjoni tal-aħħar tiġġustifika r-restrizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-eżerċizzju tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju abbażi tal-ġustifikazzjoni tan-natura u l-istruttura partikolari tas-sistema tal-WTO.

64. Għaldaqstant, fejn tapplika Rusal Armenal, Nakajima ma tapplikax.

65. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, jeżistux raġunijiet sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja toqgħod lura milli twettaq stħarriġ ġudizzjarju tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku fid-dawl tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

[59] Biex nissellef il-lingwaġġ mis-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti f'Baker vs Carr 369 U.S. 186 (1962), p. 217.

[60] Ara, pereżempju, Rusal Armenal, il-punti 45 u 46 (li kkonstatat li l-"istandard legali rekwiżit" li jirriżulta minn Nakajima ma jiġix issodisfatt meta l-preambolu ta' att tal-Unjoni jkun fih "biss inferenza ġenerali li l-att legali inkwistjoni kellu jiġi adottat b'kunsiderazzjoni xierqa għall-obbligi internazzjonali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea". Din il-konklużjoni tidher li ġejja wkoll mit-tentattiv fallut li Nakajima tiġi applikata barra mill-qasam partikolari tad-dritt tal-WTO. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punti 57 u 59) (li tiċħad l-applikabbiltà tal-linja ta' ġurisprudenza ta' Nakajima għall-obbligi partikolari assunti mill-Unjoni Ewropea taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus).

[61] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube (C-891/19 P, EU:C:2022:38, punti 30 u 34). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li peress li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku jistgħu jitqiesu li huma sostanzjalment l-istess bħal dawk tal-Artikolu 3 tal-FAD, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta tal-ewwel b'riferiment għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO lil dan tal-aħħar.

[62] Rusal Armenal, punti 47 u 48.

## *B. Evalwazzjoni tal-ewwel aggravju*

66. L-appellanti toffri żewġ linji ta’ raġunament insostenn tal-pretensjoni tagħha li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi meta kkunsidrat li hija ma tistax tiddeċiedi dwar l-allegata inkompatibbiltà tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku mal-Artikolu 15 tal-Protokoll ta’ Adeżjoni. Minn naħa, l-appellanti ssostni li Nakajima tapplika għall-kawża inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, hija ssostni li Rusal Armenal ma tapplikax.

67. Huwa possibbli li l-analiżi tinqaleb u l-ewwel jiġi evalwat jekk Rusal Armenal tapplikax. Konstatazzjoni fl-affermattiv tkun imbagħad, kif spjegat fil-punt 64 ta’ dawn il-konklużjonijiet, awtomatikament tfisser li Nakajima ma tapplikax. Madankollu, għall-finijiet ta’ kompletezza, ser nevalwa ż-żewġ linji ta’ ħsieb b’mod separat.

68. Permezz tal-ewwel linja ta’ ħsieb tagħha, l-appellanti ssostni li s-sitwazzjoni tagħha hija komparabbli mas-sitwazzjoni li kienet teżisti f’Nakajima. Hija ssostni li l-Proposta tal-2001, u b’mod partikolari l-punti 54 u 55 tal-Memorandum ta’ Spjegazzjoni tagħha, juru intenzjoni ċara min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimplimenta l-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta’ Adeżjoni fir-Regolament Bażiku.

69. Ir-rilevanza tal-Proposta tal-2001 tista’ tiġi miċħuda malajr. Jekk Nakajima tiġi interpretata b’mod restrittiv, huwa biss fejn ikun hemm indikazzjoni espressa fl-att leġiżlattiv innifsu li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jimplimenta, fid-dritt tal-Unjoni, ċerti obbligi assunti taħt il-ftehimiet tal-WTO, li l-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita s-setgħa tagħha ta’ stħarriġ ġudizzjarju [63].

70. L-ebda intenzjoni bħal din li jiġi implimentat il-Protokoll ta’ Adeżjoni ma tista’ tintwera fir-rigward tar-Regolament Bażiku. Kif spjegaw il-Kummissjoni, l-intervenjenti, il-Parlament u l-Kunsill, kemm bil-miktub u kif ukoll waqt is-seduta, il-Proposta tal-2001 ma għandha l-ebda relazzjoni mal-proċess leġiżlattiv li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament Bażiku, jew tabilħaqq l-Artikolu 2(7) tiegħu fil-forma applikabbli matul l-investigazzjoni sottostanti. L-appellanti ma setgħetx tikkontesta din l-ispjegazzjoni. Fl-istess ħin, la t-test, u lanqas id-dokumenti preparatorji għal dan l-att leġiżlattiv, ma jsemmu xi intenzjoni ta’ implimentazzjoni tal-Artikolu 15 tal-Protokoll ta’ Adeżjoni.

71. Madankollu, jekk Nakajima tiġi interpretata b’mod wiesgħa, jiġifieri li teżiġi stħarriġ ġudizzjarju kull meta l-Qorti tal-Ġustizzja tista’ tikkonkludi li l-leġiżlatur ma riedx jitbiegħed mill-obbligi tiegħu tal-WTO, l-argument tal-appellanti dwar l-intenzjonijiet espressi fil-livell tal-WTO ma jistax jiġi kompletament skartat. Fl-istess ħin, għandu jiġi rrikonoxxut li allegata intenzjoni espressa mill-Kummissjoni f’dokument preparatorju wieħed biss, u mhux repetuta fl-att tal-Kunsill li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea daħlet f’impenji rispettivi taħt il-Protokoll ta’ Adeżjoni, jew tabilħaqq mill-Parlament bħala koleġiżlatur, bilkemm huwa biżżejjed għal sejba konklużiva f’dan ir-rigward. Kif spjega ġustament il-Kunsill waqt is-seduta, id-dikjarazzjonijiet adottati matul negozjati internazzjonali ma jistgħux, tal-inqas mhux waħedhom, jintużaw sabiex tiġi dedotta l-intenzjoni leġiżlattiva wara l-atti adottati internament mill-istituzzjonijiet.

72. L-appellanti lanqas ma setgħet tistabbilixxi xi indikazzjoni oħra tal-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li ma jitbegħidx mill-Protokoll ta’ Adeżjoni. Bl-istess mod, kif irrimarka l-Parlament waqt is-seduta, ir-Regolament Bażiku ġie emendat diversi drabi mill-2001, jiġifieri wara li daħal

63 Infakkar li Nakajima kienet tikkonċerna sitwazzjoni fejn l-intenzjoni leġiżlattiva li jiġi implimentat obbligu tad-dritt internazzjonali li jorbot lill-Unjoni kienet espressa fid-dokument stess li fittex jimplimenta dan l-obbligu.

fis-seħħ il-Protokoll ta' Adeżjoni. Fl-ebda waħda minn dawn l-okkażjonijiet ma nbidel it-test tiegħu biex jirrifletti l-iskadenza tal-perijodu ta' 15-il sena msemmi fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni, u lanqas ma tista' tinstab xi indikazzjoni tal-intenzjoni li r-Regolament Bażiku jiġi aġġustat b'dan il-mod fil-premessi rilevanti jew fid-dokumenti preparatorji tal-atti li jemendawh[64].

73. Is-sitwazzjoni fil-kawża preżenti hija għalhekk differenti mis-sitwazzjoni li wasslet għas-sentenza Nakajima, iċċitata iktar 'il fuq. Ma jistax jiġi konkluż li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jimplimenta l-Protokoll ta' Adeżjoni fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, u lanqas ma jista' jiġi konkluż li ma kellux l-intenzjoni li jitbiegħed minnu permezz ta' din id-dispożizzjoni.

74. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma żbaljatx fil-konstatazzjoni tagħha fil-punt 64 tas-sentenza appellata.

75. Dan iwassalni għat-tieni linja ta' ħsieb tal-appellanti, li skontu l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonstatat li Rusal Armenal tapplika f'dan il-każ u jwassal għall-konklużjoni li n-natura speċifika tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku tapplika wkoll għaċ-Ċina wara l-iskadenza tal-perijodu li jinsab fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

76. Tabilħaqq, jekk jista' jiġi konkluż li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku jikkostitwixxi reġim speċifiku, li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta għall-kalkolu tal-valur normali fir-rigward tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, kif ġara fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Armenja f'Rusal Armenal, allura stħarriġ ġudizzjarju ma huwiex iġġustifikat.

77. Fis-sentenza Rusal Armenal, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat jekk l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (fil-verżjoni tar-Regolament Bażiku applikabbli dak iż-żmien), moqri flimkien mal-premessi tiegħu, għandux jinftiehem bħala li huwa intiż sabiex jimplimenta ċerti obbligi li jirriżultaw mill-FAD.

78. Ir-raġunament f'dik is-sentenza jista' jiġi mqassar fi tliet stadji. L-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat jekk il-premessa 5 tar-Regolament Nru 384/96, li tispjega li l-"lingwa" tal-FAD tal-WTO "il-ġdid" "għandha tinġieb fil-leġislazzjoni tal-Komunità sa fejn ikun possibbli", kinitx preċiża biżżejjed sabiex titqies bħala espressjoni tal-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jimplimenta dan il-ftehim fid-dritt tal-Unjoni. Hija kkonkludiet fin-negattiv[65]. It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat speċifikament l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 384/96. Hija rrilevat li mill-premessa 7 ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ipprova jintroduċi "sistema speċjali li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-kalkolu tal-valur normali

[64] L-Artikolu 2(7)(a) u (b) sab postu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45), mill-emenda ta' dan tal-aħħar fl-1998 permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 905/98 tas-27 ta' April 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 111). L-Artikolu 2(7)(b) f'dik il-verżjoni kien diġà jirreferi espressament għaċ-Ċina, flimkien mar-Russja. Fl-2000, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2238/2000 tad-9 ta' Ottubru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 116), ġew miżjuda tliet pajjiżi oħra mal-Artikolu 2(7)(b) – l-Ukraina, il-Vjetnam u l-Każakstan. Fl-2002, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1972/2002 tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 132), ir-Russja tħassret mit-test tal-Artikolu 2(7)(b). L-Ukraina segwiet bl-istess mod fl-2005, b'emenda permezz tar-Regolament (KE) 2117/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 (ĠU 2006, L 175M, p. 287). Bidliet iktar tard għar-Regolament Bażiku (ta' dak iż-żmien), inklużi l-kodifikazzjonijiet fl-2009 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009 L 343, p. 51)) u fl-2016 (ir-Regolament 2016/1036), ma emendawx l-Artikolu 2(7)(b), u lanqas inkludew iċ-Ċina, sakemm il-metodoloġija ta' "distorsjonijiet sinifikanti" ġiet introdotta permezz tar-Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 338, p. 1).

[65] Rusal Armenal, punt 52.

għall-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq", li jiddevja mir-regoli ordinarji li jinsabu fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament Nru 384/96 għall-kalkolu tal-valur normali[66]. Fl-aħħar, il-Qorti nnotat li l-FAD ma fih l-ebda regoli speċifiċi għall-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. Għalhekk, ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda korrelazzjoni bejn l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 384/96 u l-Artikolu 2 tal-FAD[67]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li s-sistema li tinsab fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 384/96 tikkostitwixxi "l-espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, f'dan il-qasam, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni"[68].

79. Dan ir-raġunament jista' jiġi traspost awtomatikament għas-sitwazzjoni fil-kawża preżenti?

80. L-ewwel, ir-Regolament Nru 384/96 (il-verżjoni tar-Regolament Bażiku applikabbli f'Rusal Armenal) ġie ssostitwit l-ewwel bir-Regolament Nru 1225/2009 u mbagħad bir-Regolament 2016/1036 (li huwa applikabbli fil-kawża preżenti). It-tieni, Rusal Armenal kienet tikkonċerna importazzjonijiet mill-Armenja, u mhux miċ-Ċina. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk evalwat il-possibbiltà ta' stħarriġ tar-Regolament Nru 384/96 fid-dawl tal-FAD, iżda mhux fid-dawl tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

81. Jiena tal-fehma li s-sentenza Rusal Armenal ma tistax tiġi awtomatikament trasposta għal din il-kawża. Madankollu, fil-fehma tiegħi, is-sistema ta' dumping għall-importazzjonijiet miċ-Ċina tista' tiġi kkaratterizzata bħala għażla leġiżlattiva speċifika għall-Unjoni billi tuża l-istess loġika bħal dik adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Rusal Armenal.

82. Fir-rigward tal-ewwel differenza bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Bażiku applikabbli fis-sentenza Rusal Armenal u dik applikabbli fil-kawża preżenti ma jvarjawx minn xulxin, ħlief f'xi aspetti li huma irrilevanti għal din id-diskussjoni. Barra minn hekk, il-premessa 5 tar-Regolament Nru 384/96, li ġiet irriveduta fis-sentenza Rusal Armenal, tipprovdi li hija fittxet li tintroduċi l-FAD fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni "sa fejn ikun possibbli" ["as far as possible"]. Għall-kuntrarju, il-premessa 3 tar-Regolament 2016/1036 tiddikjara li l-lingwa tal-FAD għandha tkun riflessa fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni "sa fejn ikun possibbli" ["to the best extent possible"][69]. Ma narax xi differenza importanti bejn iż-żewġ verżjonijiet. Għalhekk, huwa possibbli li ssir l-istess konklużjoni bħal dik tas-sentenza Rusal Armenal: li l-Unjoni Ewropea kellha l-intenzjoni li tapplika l-FAD, iżda mhux neċessarjament id-dispożizzjonijiet kollha tagħha.

83. It-tieni differenza bejn is-sitwazzjoni f'Rusal Armenal u f'din il-kawża tista' tinsab fil-fatt li, din id-darba, huwa protokoll ta' adeżjoni ta' membru (prinċipali) tal-WTO, li huwa mitlub bħala l-parametru ta' stħarriġ tal-validità tar-Regolament Bażiku, u mhux il-FAD.

84. Din id-differenza tista' tkun rilevanti b'diversi modi. Minn naħa, l-argument użat f'Rusal Armenal li l-FAD ma fih l-ebda dispożizzjoni relatata ma' pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq, li jfisser li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku ma jistax jitqies bħala l-implimentazzjoni tiegħu, ma huwiex applikabbli jekk il-Protokoll ta' Adeżjoni huwa tabilħaqq użat bħala l-kriterju għall-istħarriġ. B'mod speċifiku, l-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni juża l-kliem "ekonomija tas-suq", u jipprovdi, taħt l-Artikolu 15(a) tiegħu, għall-għażla ta'

[66] *Ibid.*, punt 47.
[67] *Ibid.*, punt 50.
[68] *Ibid.*, punti 47 sa 50 u 53.
[69] Din id-diverġenza lingwistika bejn iż-żewġ regolamenti ma teżistix fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha. Pereżempju, filwaqt li din id-differenza tinsab fil-verżjoni Ġermaniża, Olandiża u Taljana, din ma tinsabx fil-verżjoni Spanjola, Franċiża u Portugiża.

trattament iddifferenzjat ta' importazzjonijiet miċ-Ċina taħt ċerti kundizzjonijiet[70]. Dan huwa argument favur il-konstatazzjoni tal-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament Bażiku, u l-metodoloġija applikata taħt l-Artikolu 2(7)(a) tiegħu, dwar il-kalkolu tal-valur normali għall-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq, bħala implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-każ speċifiku taċ-Ċina.

85. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-premessi tar-Regolament Bażiku (fil-verżjonijiet differenti tiegħu) talbu għal aġġustamenti għall-FAD "sa fejn ikun possibbli", saħansitra ma hemm ebda premessa li ssemmi l-Protokoll ta' Adeżjoni. Dan huwa argument favur il-konklużjoni li s-sistema għall-kalkolu tal-valur normali għall-importazzjonijiet miċ-Ċina hija speċifika għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u ma hijiex intiża għall-implimentazzjoni ta' dan il-protokoll.

86. Jekk, barra minn hekk, jittieħdu inkunsiderazzjoni l-argumenti tal-istituzzjonijiet waqt is-seduta, li skonthom it-trattament speċifiku tal-Unjoni fir-rigward taċ-Ċina kien tali qabel is-sħubija ta' din tal-aħħar fil-WTO u ma nbidilx wara, inkun inklinat li ninterpreta l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku bħala sistema speċifika għall-Unjoni Ewropea fir-rigward taċ-Ċina, minkejja l-preżenza u n-natura vinkolanti tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

87. Din il-konklużjoni tiġġustifika d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li ma teżerċitax is-setgħat tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju.

88. Barra minn hekk, bħall-FAD, il-Protokoll ta' Adeżjoni jifforma parti integrali mill-ftehimiet tal-WTO[71]. Bħala tali, għandu jiġi ttrattat bħal kull parti oħra ta' dawk il-ftehimiet. Kif ikkonfermat kemm fil-livell tal-Qorti Ġenerali[72] kif ukoll waqt is-seduta f'din il-kawża, l-appellanti ma tikkontestax dan. Għalhekk, in-natura flessibbli tas-sistema tal-WTO użata bħala ġustifikazzjoni għal trażżin ġudizzjarju hija applikabbli wkoll fir-rigward tal-Protokoll ta' Adeżjoni.

89. Fl-aħħar, hemm preċedent ċar u reċenti dwar l-applikabbiltà tal-loġika Rusal Armenal għall-importazzjonijiet miċ-Ċina. Mingħajr ma daħlet fid-differenzi possibbli bejn il-pożizzjonijiet tal-Armenja u ċ-Ċina, fis-sentenza tagħha Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq Rusal Armenal[73]. Rinfaċċata b'argumenti prattikament identiċi għal dawk imqajma mill-appellanti f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni ma tistax tiġi invokata sabiex tiġi kkontestata l-validità tar-regolament ta' implementazzjoni li japplika l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku għal importazzjonijiet miċ-Ċina, peress li dan l-artikolu jikkostitwixxi l-espressjoni ta' approċċ speċifiku tal-Unjoni[74].

[70] Kif tosserva Zang, "l-adeżjonijiet preċedenti kollha għall-GATT 1947 minn ekonomiji mhux tas-suq, jiġifieri, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Ungerija — raw dispożizzjonijiet simili għal dawk taħt l-Artikolu 15; madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma għamel riferiment espliċitu għall-kundizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq jew mhux tas-suq. Għalhekk […] l-Artikolu 15 hija l-ewwel dispożizzjoni tal-WTO li espliċitament tuża dawn il-kunċetti." Zang, M.Q., "The WTO contingent trade instruments against China: what does accession bring?", *International and Comparative Law Quarterly*, Vol. 58, April 2009, p. 321 sa 351, p. 324 sa 325.

[71] Ara, pereżempju, il-punt 1.2 tal-Parti I tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina (li jiddikjara li l-protokoll "għandu jkun parti integrali mill-Ftehim tal-WTO". B'analoġija, ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni (T-228/17, EU:T:2019:619, punt 97) (li kkonstatat li "l-Protokoll ta' adeżjoni taċ-Ċina għall-WTO jikkostitwixxi parti mill-ftehimiet kollha konklużi fil-kuntest tal-WTO") u tal-5 ta' Mejju 2021, Acron *et* vs Il-Kummissjoni (T-45/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:238, punt 105) (li qieset il-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Russja bħala parti integrali mill-Ftehim tal-WTO). Għandu jiġi enfasizzat li dan it-trattament ma huwiex uniku għall-protokolli ta' adeżjoni, peress li l-Artikolu II(2) tal-Ftehim tal-WTO jispeċifika li l-ftehimiet u l-istrumenti legali assoċjati inklużi fl-Annessi 1, 2 u 3 ta' dak il-ftehim "huma partijiet integrali" minnu.

[72] Sentenza appellata, punt 63 (li jispjega li "ir-rikorrenti fis-seduta kkonfermat li ma sostnietx li l-ftehimiet tal-WTO jew il-Protokoll ta' Adeżjoni kellhom effett dirett b'mod ġenerali").

[73] Sentenza tal-5 ta' Mejju 2022 (C-718/20 P, EU:C:2022:362).

[74] *Ibid.*, punti 88, 89 u 91.

90. Ċertament, Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni kienet tikkonċerna ċirkustanzi fattwali li kienu xi ftit differenti minn dawk inkwistjoni fil-kawża preżenti. B'differenza minn dan il-każ, l-investigazzjoni sottostanti nbdiet qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' 15-il sena li jinsab fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni[75].

91. Madankollu, il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza hija trasversali pjuttost milli speċifika għall-fatti: il-loġika ta' Rusal Armenal għandha titqies li tapplika għall-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku b'mod ġenerali[76], u mhux biss fir-rigward tal-qafas fattwali u legali partikolari li fih ġiet deċiża dik is-sentenza. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni qieset iż-żmien tal-bidu tal-investigazzjoni inkwistjoni bħala rilevanti.

92. Waqt is-seduta, l-appellanti ma setgħetx tispjega kif din id-differenza fiż-żmien kienet twassal għal konklużjoni differenti, b'tali mod li, f'dan il-każ, l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku ma jibqax jirrappreżenta sistema li hija speċifika għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

93. Għalhekk, anke wara Diċembru 2016, l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku għandu jitqies bħala sistema speċifika għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u li jipprovdi għal trattament iddifferenzjat għall-kalkolu tal-valur normali għall-importazzjonijiet għal numru ta' pajjiżi, inkluża ċ-Ċina.

94. Madankollu, il-konklużjoni li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, kif applikat għall-importazzjonijiet miċ-Ċina, jikkostitwixxi sistema li hija speċifika għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma timplikax, fiha nnifisha, li din is-sistema tikser l-Artikolu 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni. Din tfisser biss li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li toqgħod lura milli teżerċita stħarriġ ġudizzjarju tal-kompatibbiltà tal-ewwel ma' dik tal-aħħar.

95. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li n-natura speċifika tad-dritt tal-Unjoni tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku hija raġuni għall-Qorti tal-Ġustizzja biex toqgħod lura milli tistħarreġ atti tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-Protokoll ta' Adeżjoni, qabel jew wara l-iskadenza tal-perijodu li jinsab fl-Artikolu 15(d) tiegħu. Għal din l-istess raġuni, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta l-effetti tal-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni sabiex tistabbilixxi jekk din id-dispożizzjoni baqgħatx, u jekk iva liema partijiet, wara l-11 ta' Diċembru 2016, u jekk dawn

[75] *Ibid.*, punt 18 (li jispjega li l-Kummissjoni bdiet ir-rieżami ta' skadenza inkwistjoni fl-10 ta' Diċembru 2016).

[76] Din l-interpretazzjoni ta' Rusal Armenal bħala sentenza li tikkaratterizza s-sistema kollha stabbilita taħt l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku bħala għażla leġiżlattiva speċifika għall-Unjoni fir-rigward tal-pajjiżi indikati f'dak l-artikolu tgħin biex jitwarrbu differenzi oħra bejn dak il-każ u dan preżenti. Jiġifieri, l-Armenja kienet elenkata fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku fost pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq li għalihom dejjem kienet applikata l-metodoloġija tal-"pajjiż analogu". Min-naħa tagħha, iċ-Ċina hija elenkata fis-subparagrafu (b) tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, li jeħtieġ l-użu tal-metodoloġija tal-pajjiż analogu kull meta l-produttur esportatur li kkoopera inkwistjoni ma jistax juri li "jipprevalixxu kondizzjonijiet tal-ekonomija tas-suq [stabbiliti fil-punt (c) ta' dik id-dispożizzjoni] għal dan il-produttur […] fir-rigward tal-manifattura u l-bejgħ tal-prodott simili konċernat".

il-partijiet li kien għad fadal, jekk inhu l-każ, ippermettewx xorta waħda lill-Kummissjoni tuża l-metodoloġija tal-pajjiż analogu għall-kalkolu tal-valur normali għall-importazzjonijiet minn produtturi Ċiniżi bħall-appellanti[77].

96. Minn dan isegwi li ma hemm ebda raġuni biex jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-konklużjoni tagħha fil-punt 65 tas-sentenza appellata.

97. Fl-aħħar nett, ser nikkunsidra fil-qosor l-argument sussidjarju mqajjem mill-appellanti, dwar l-allegata preżenza tat-"tielet eċċezzjoni", distinta minn dawk li jirriżultaw f'Nakajima u Fediol. Fir-rigward ta' dan l-argument, l-appellanti terġa' tinvoka l-Proposta tal-2001, billi ssostni li huwa rilevanti li jiġi konkluż li l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, li kien jeżisti qabel dik il-proposta, għandu jinftiehem li ma għadux japplika għall-importazzjonijiet miċ-Ċina mill-11 ta' Diċembru 2016.

98. Kif diġà spjegajt, fil-prinċipju, ma nara l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi f'sitwazzjonijiet oħra, differenti minn dawk fis-sentenza Nakajima jew Fediol, li twettaq stħarriġ ġudizzjarju fid-dawl tad-dritt tal-WTO. Deċiżjoni bħal din tkun teħtieġ li tkun motivata minn evalwazzjoni li huwa ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jitbiegħed mid-dritt tal-WTO. Madankollu, ikolli nammetti li, anki bl-aħjar intenzjonijiet, għandi nsib diffikultà biex nifhem kif preċiżament il-proposta tal-appellanti tat-"tielet eċċezzjoni" topera, jew kif inhi differenti minn dik f'Nakajima.

99. B'ċertu livell ta' immaġinazzjoni, l-uniku mod kif nista' nifhem l-ispjegazzjonijiet tal-appellanti, bil-miktub u waqt is-seduta, huwa li l-eċċezzjoni ma tirrelatax mal-kwistjoni tan-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku minħabba n-nuqqas ta' konformità tiegħu mal-Protokoll ta' Adeżjoni, iżda tirrelata minflok mal-obbligu ta' interpretazzjoni konformi. Madankollu, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-kwistjoni tal-aħħar, imqajma wkoll (u miċħuda) fl-ewwel istanza, ma ġietx appellata[78]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija prekluża milli tikkunsidra din l-argumentazzjoni[79].

77 Għall-kompletezza, għandi nżid li, sa issa, ma hemm l-ebda deċiżjoni mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO dwar l-effett tal-iskadenza tal-perijodu ta' żmien li jinsab fl-Artikolu 15(d) tal-Protokoll ta' Adeżjoni u l-possibbiltà, sussegwentement, li tintuża metodoloġija li ma hijiex ibbażata fuq paragun strett mal-prezzijiet jew l-ispejjeż domestiċi fiċ-Ċina, kemm jekk tkun abbażi tal-Protokoll ta' Adeżjoni u kemm tal-FAD. Tabilħaqq, filwaqt li ċ-Ċina bdiet tilwima kontra l-Unjoni immedjatament wara l-iskadenza tal-perijodu li jinsab fil-Protokoll, f'Ġunju 2019, hija talbet is-sospensjoni ta' dik it-tilwima. Il-mandat tal-Bord ikkostitwit għat-tilwima fl-Unjoni Ewropea – Metodoloġiji ta' Tqabbil tal-Prezzijiet (WT/DS516), li kienet tikkonċerna preċiżament dik il-kwistjoni, skada fil-15 ta' Ġunju 2020 (ara n-Nota tas-Segretarjat tal-WTO tal-istess jum, WT/DS516/14). Għal iktar dettall, ara Zhou, W. u Qu, X., "Confronting the 'Non-Market Economy' Treatment: The Evolving World Trade Organisation Jurisprudence on Anti-Dumping and China's Recent Practices", *Journal of International Dispute Settlement*, Vol. 13(3), 2022, p. 1–22, p. 6-7. Fl-istess ħin, il-fehmiet akkademiċi dwar l-effetti tal-iskadenza jvarjaw. Xi wħud jissuġġerixxu li xejn ma nbidel, peress li huwa biss l-Artikolu 15(a)(ii) li skada, u l-Artikolu 15(a) u (a)(i) tħalla mhux mittiefes, iżda b'hekk inqaleb l-oneru tal-prova meħtieġ biex titbiegħed mir-regoli għall-kalkolu tal-valur normali li jinsabu fl-Artikolu 2 tal-FAD. Oħrajn huma tal-opinjoni li l-iskadenza tal-Artikolu 15(a)(ii) taffettwa s-subparagrafu (a) kollu. Madankollu, oħrajn, bħall-appellanti, iqisu li mill-iskadenza ta' dak il-perijodu ta' żmien, iċ-Ċina għandha tiġi kkunsidrata bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq mingħajr ebda kundizzjonijiet. Ara, *inter alia*, Graafsma, F., Kumashova, E., "In re China's Protocol of Accession and the Anti-Dumping Agreement: Temporary Derogation or Permanent Modification?", *Global Trade and Customs Journal*, Vol. 9(4), 2014, p. 154-159; Lee, J., "China's Nonmarket Economy Treatment and US Trade Remedy Actions", *Journal of World Trade*, Vol. 51(3), 2017, p. 495-516; Suse A., "Old Wine in a New Bottle: the EU's Response to the Expiry of Section 15(a)(ii) of China's WTO Protocol of Accession", *Journal of International Economic Law*, Vol. 20(4), 2017, p. 951-977; u "China: NME at the Gates? Article 15 of China's WTO Accession Protocol: A multi-perspective analysis", Dokument ta' Riċerka, Istitut Ewropew għall-Istudji Asjatiċi, Brussell, 2016.

78 Sentenza appellata, punt 68. Madankollu, insibha stramba li l-Qorti Ġenerali tqis li interpretazzjoni konformi ma hijiex possibbli qabel ma tistabbilixxi r-riżultat li tali interpretazzjoni twassal għalih.

79 Kif jirriżulta mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (li jeżiġi li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li l-appellanti titlob li tannulla kif ukoll l-argumenti ta' liġi mressqa speċifikament insostenn tal-appell). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, EFIM vs Il-Kummissjoni (C-56/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:575, punt 97) (li tiċħad bħala inammissibbli fl-appell argument li ma jikkontestax il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti Ġenerali).

100. Madankollu, nixtieq nesprimi l-opinjoni tiegħi li l-istess raġunijiet li jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita s-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju, għandhom japplikaw bl-istess mod għall-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni (hawnhekk, ir-Regolament Bażiku) f'konformità mad-dritt tal-WTO (hawnhekk, il-Protokoll ta' Adeżjoni). Kif jinftiehem fil-parti interna tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi li l-qorti li tinterpreta tagħmel dak kollu possibbli biex issib soluzzjoni li tikkonforma mar-regola legali tal-Unjoni li fir-rigward tagħha tinterpreta regola ta' dritt nazzjonali [80].

101. F'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża preżenti, ir-rekwiżit li jsir dak kollu possibbli biex jiġi interpretat id-dritt tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt tal-WTO jaqa', madankollu, fuq il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-uniku limitu f'dan ir-rigward ikun li ma tinterpretax id-dritt tal-Unjoni "*contra legem*". Jekk l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-dritt tal-WTO imbagħad tkun differenti minn dik tal-leġiżlatur tal-Unjoni, jew jekk il-leġiżlatur fil-fatt xtaq jitbiegħed mid-dritt tal-WTO, iżda dan ma jesprimihx b'mod ċar (li ma għandux ikun sorprendenti), l-interpretazzjoni konformi tagħlaq il-bieb għad-diskrezzjoni meħtieġa biex il-fergħa politika jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dawk il-karatteristiċi kollha tad-DSU li jippermettu manuvri politiċi. Dan imur kontra l-loġika tal-ġustifikazzjoni għat-trażżin tas-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja.

102. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi ma hemm xejn ħażin fil-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 74 tas-sentenza appellata.

## VII. Konklużjoni

103. Abbażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel aggravju.

[80] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 119), u tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 27). Fis-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ħtieġet li qorti nazzjonali ma tapplikax il-ġurisprudenza nazzjonali eżistenti li tirrikjedi li dik il-qorti "tikkunsidra li hija tinsab fl-impossibbiltà li tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni".